**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IT-TIELET SENA** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## TAQSIMA A (10 marki)

**1. Imla bil-kelma t-tajba li ssib hawn taħt.**

| | |
|---|---|
| 1. Il-kelma t'Alla li tgħidilna dak li hu tajjeb jew ħażin. | |
| 2. Ktieb qaddis li jgħinna niffurmaw kuxjenza tajba. | |
| 3. Fih insibu l-milja tal-kelma t'Alla. | |
| 4. Qalilna nisimgħu lil Ibnu l-Għażiż. | |
| 5. Miegħu nfittxu s-soluzzjoni tal-problemi u hu jwasslilna l-maħfra t'Alla. | |
| 6. Stedina biex nagħmlu l-ħażin. | |
| 7. L-akbar għajnuna biex nirbħu t-tentazzjoni. | |
| 8. Nagħmlu dak li hu ħażin. | |
| 9. Iwasslilna l-Kelma t'Alla fl-iskola. | |
| 10. Dan is-sagrament jgħinna nfittxu l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Alla l-Missier | Għalliem tar-Reliġjon | Ġesù | Talb | Griżma ta' l-Isqof |
| Tentazzjoni | Il-Kelma t'Alla (Bibbja) | Saċerdot | Dnub | Kuxjenza |

## TAQSIMA B (36 marka)

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'għamel Alla biex jurina l-imħabba tiegħu? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

2. X'inhu d-dagħa? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

3. X'inhu l-ġurament u għaliex m'għandniex niħduh għalxejn? *(4 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4. Għaliex m'għandniex niċċappsu bis-sataniżmu, lanqas biex niċċajtaw? *(4 marki)*

5. Għaliex għandna nħobbu lil Alla u nqegħduh qabel kulħadd? *(2 marki)*

6. Għaliex fil-Ġnien taż-Żebbuġ Ġesù għereq l-għaraq tad-demm? *(2 marki)*

7. Kif talab Ġesù lil Missieru fil-Ġnien taż-Żebbuġ? *(2 marki)*

8. Semmi żewġ allat ta' żminijietna. *(2 marki)*

9. Għaliex għandna nirrispettaw lil xulxin? Agħti żewġ eżempji. *(4 marki)*

10. Xi tfisser il-kelma 'idolatrija'? *(2 marki)*

11. Min kienet Madre Tereża? *(2 marki)*

12. Għaliex fil-proxxmu għandna naraw lil Ġesù? *(2 marki)*

13. X'jgħallimna San Franġisk bit-talba li kiteb: "Mulej, għamilni strument tal-paċi tiegħek"? Semmi **tliet** punti. *(6 marki)*

## TAQSIMA Ċ **(14-il marka)**

**"Kull min jagħti mqar tazza ilma frisk lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom li ma jitlifx l-ħlas tiegħu." (Mt 10,42)**

1. X'inhu l-ħlas li wiegħed Ġesù lil min jgħin lill-proxxmu? *(2 marki)*

2. X'għandu jagħmel min iħobb lil Ġesù biex jieħu l-ħlas tiegħu? *(3 marki)*

3. X'inhu l-ħlas ta' min jagħmel dan? *(3 marki)*

4. Ma xiex Ġesù xebbah il-ġenna? *(3 marki)*

5. X'jgħallimna Ġesù dwar il-ġenna? *(3 marki)*

## TAQSIMA D **(10 marki)**

a. "U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu, fuq xbiehet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom." (Ġenesi 1,31)
b. "U ħares Alla lejn kull ma kien għamel. U ara, kollox kien tajjeb ħafna." (Ġenesi 1,27)

1. X'tifhem bil-frażi: "Ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu"? *(2 marki)*

2. Għaliex Alla ħalaqhom raġel u mara? *(3 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

3. Inti bħala tfajla jew ġuvni, kif għandek turi rispett lejn il-ġisem tiegħek? Semmi **ĦAMES** affarijiet. *(5 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## TAQSIMA E **(30 marka)**

**Agħżel TNEJN minn dawn u wieġeb fuq karta separata.** **(15-il marka kull waħda)**

1. Ikteb ġrajja mill-Evanġelu meta Ġesù wera l-imħabba tiegħu lejn il-proxxmu.
2. Ikteb mhux inqas minn 10 sentenzi biex turi kif inti tista' tgħin lill-proxxmu tiegħek bħalma għenu San Martin, Madre Tereża jew qaddisin oħra?
3. Mill-Evanġelu irrakkonta ġrajja li turina kif Ġesù kellu ħafna ħbieb u kif kien iħobbhom.
4. X'nemmnu aħna l-Insara li jiġri wara l-mewt?